BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 03**

**IL-ĦAMIS 06 TA' AWWISSU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill. Il-Laqgħa kienet imsejħa sabiex tiġi approvat r-risposta lill-Awditur Ġenerali għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Rodrick Mamo.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**03/01** **MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 02**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv skuża ruhu minħabba li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza, il-minuti tat-tieni seduta ma kienux lesti u ċċirkulati u għalhekk se jkunu mressqa fis-seduta li jmiss.

**03/02** ***AUDIT REPORT-MANAGEMENT LETTER U RISPOSTA***

**DOK 'A1-3'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** għadda biex ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, kif kienet iċċirkolata:

**a)** L-*Audit Report and Financial Statements 2008-2009*
**b)** L-Ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.
**c)** L-Ittra tas-Sindku lill-Awditur Ġenerali b'risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.

**Is-Sindku** talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega ta' dawn id-dokumenti li qed jitressqu.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** analizza flimkien mal-Kunsilliera l-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur u r-risposta għall-ittra ta' Direzzjoni. Saret tifsira u diskussjoni fuq ir-risposta mħejjija għall-ittra ta' direzzjoni fejn kien spjegat fit-tul ir-raġunijiet kollha għal dik ir-risposta għall-ittra ta' Direzzjoni. Il-Kunsill se jkompli jagħmel il-ħila kollha permezz ta' l-amministrazzjoni sabiex ikunu mħaddma l-pariri kollha mressqa mill-udituri.

Wara li saret diskussjoni dwar din ir-risposta mħejjija lill-Awditur

Ġenerali, **s-Sindku Joseph Scerri ppropona l-approvazzjoni** ta' l-ittra lill-Awditur Ġenerali b'risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.

**Il-Kunsill unanimament** approva r-risposta għall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati kollha tal-Kunsill li ħadmu sabiex din is-sena wkoll il-Kunsill ikollu dan ir-riżultat pożittiv fil-ħidma kollha tiegħu.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** filwaqt li rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill, stieden lill-Kunsill ikompli jaħdem kif sar tul dawn l-aħħar tnax-il xahar sabiex sa fl-aħħar dan il-Kunsill iqum sew fuq saqajh, u jħalli r-riżultati pożittivi kif sar f'dawn l-aħħar sentejn, speċjalment bir-rapporti statutorji tal-Kunsill.

**03/03 MEMO 47/2009 - INIZJATTIVA PREMJU LOKALITAJIET INDAF**

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** għadda biex ressaq kopja tal-Memo 47 dwar inizzjattiva ġdida għal-lokalitajiet Indaf. Huwa fisser li din l-inizjattiva se tkun tikkonsisti f'indafa ġenerali fil-lokalità, kampanja edukattiva fil-lokalità favur l-indafa, rispons għall-ilmenti tal-pubbliku dwar l-indafa, ħoldien ta' attività ta' tindif bis-sehem tar-residenti u għaqdiet mhux governattivi lokali, in-numru ta' *bring-in sites* fil-lokalità, l-indafa fil-*playing fields* u ġonna pubbliċi fil-lokalità, is-separazzjoni tal-iskart, iż-żamma ta' *bring-in-sites,* il-provvediment mill-Kunsill ta' *bins* u l-kwalità tal-istess *bins*, u l-idejat innovattivi mill-Kunsill dwar kif tinżamm l-indafa fil-lokalità u inizjattivi oħra.

Dawk il-Kunsilli li se jieħdu sehem se jkollhom ukoll għajnuna diretta finanzjarja meta jiġu biex itellgħu attivitajiet mal-għaqdiet mhux governattivi u r-residenti u/jew jagħmlu kampanja edukattiva, fejn kull Kunsill parteċipant jista' jagħmel talba għal għajnuna finanzjara li ma taqbiżx l-elf euro (€ 1,000) fil-każ ta' Kunsilli taħt il-ħamest elef resident u elfejn euro (€ 2,000) fil-każ ta' Kunsilli b'aktar minn ħamest elef resident.

Il-pubbliku ser jingħata wkoll indirizz elettroniku u linja tat-telefon li permezz tiegħu jista' jindika l-postijiet fil-lokalitajiet li fihom għandhom bżonn isir it-tindif.  Dawn jiġu mgħoddija lill-Kunsill Lokali rispettiv u jkun hemm monitoraġġ ta' kif il-Kunsill jirrispondi għal dawn l-ilmenti tal-pubbliku.

B'din l-inizzjattiva ser jingħataw € 60,000 fi premijiet. Il-lokalità li tiġi fl-ewwel post ser tingħata € 30,000 filwaqt li t-tliet lokalitajiet oħra li jiġu fit-tieni, t-tielet u r-raba' post ser jingħataw € 10,000 kull lokalità, fejn dawn iridu jintużaw fi proġett li jsebbaħ l-ambjent tal-lokalità.

Barra l-premjijiet fi flus, il-lokalità rebbieħa ser tiġi dikjarata bħala l-aktar lokalità nadifa f'Malta u Għawdex u tingħatalha trofew artistiku li jinżamm mill-istess Kunsill.

Is-Sindku tenna li din il-kampanja ta' Tindif sejra tkun ibbażata fuq l-indafa ġenerali fit-toroq u postijiet pubbliċi, indafa u żamma fi stat tajjeb ta' latrini pubbliċi, ġonna u *playing fields*, kampanja ta' edukazzjoni fost ir-residenti, bl-involviment tal-għaqdiet volontarji u sistemi ta' ġbir ta' skart u separazzjoni tal-iskart.

Għalhekk il-Kunsilliera ressqu numru ta' idejat dwar x'għandu jsir, bħal kampanja fost ir-residenti, publikazzjoni ta' *flyer* informattiv, bl-involviment ta' l-għaqdiet kollha fil-qalba tal-lokalita', b'separazzjoni ta' l-iskart, kif ukoll attivita' mtella sabiex jinħolqu l-isbaħ sqaqien u toroq. Tressqu suġġerimenti dwar ittri lir-residenti dwar din il-kampanja sabiex kulħadd jipparteċipa, kif ukoll holqien ta' flokkijiet għal-parteċipanti, u stedina lill-għaqdiet u lill-iscouts ta' Bormla. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem f'din l-inizjattiva, sabiex ikompli jqajjem kuxjenza dwar il-bżonn ta' aktar indafa fil-lokalita'. Il-Kunsilliera kienu mistiedna jiltaqgħu informalment sabiex iressqu aktar attivitajiet u inizjattivi għal din il-kampanja.

**03/04 LAQGĦA MAD-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

Is-Sindku fisser li għamel talba għal-laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-problema ta' numru ta' toroq li mhumiex inklużi fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, kif ukoll dwar *soft areas* oħra li qed jirriżulta li ħadd m'huwa responsabbli għalihom. F'din il-laqgħa għandhom titqajjem din il-kwistjoni kif ukoll dwar jekk dawn it-toroq u postijiet humiex sejrin ikunu *monitored* waqt din il-kampanja ta' tindif għaliex il-Kunsill jixiteq li dan in-nuqqas jiġi korrett minnufih.

**03/05** **Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq talba dwar il-bżonn li tinbena rampa f' Bieb Polverista minħabba l-problemi fiżiċi għal familja li għandha membri bi bżonnijiet speċjali.

**Is-Sindku** filwaqt li ssekonda qabel li jintbagħat il-Perit tal-Kunsill sabiex jara dawn il-bżonnijeit u jirraporta kif għandha tinbena din ir-rama u ppropona l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Il-Kunsill unanimament approva.**

**03/06 IS-SITWAZZJONI TAL-GROUNDS PEPPI DELCEPPO**

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li Vassallo Builders Group Ltd huma mħassba dwar il-mod kif mexjin l-affarijeit fil-pitches tal-Grounds Peppi Delceppo, fejn minħabba nuqqas ta' użu ta' dan is-servizz regolari u għalhekk minflok mezz ta' introjtu, qed iseħħ telf fit-tħaddim ta' dan il-kumpless. Għalhekk qed tissejjaħ laqgħa fl-1 ta' Settembru fis-1.30 ta' wara nofs-in-nhar sabiex tittieħed deċiżjoni jekk għandiex titwaqqaf l-operazzjoni u konsegwentement jingħalqu l-pitches.

**Is-Sindku** fisser ukoll li nbeda tentattiv sabiex is-St. Georges FC bl-għajnuna tal-Malta Football Association u għajnuna oħra, jakkwistaw dawn il-pitches mingħand Vassallo Builders Group Ltd, iżda sal-lum ma kien hemm l-ebda żvilupp. Għalhekk ippropona li l-Kunsill jaqbel mal-

proposta mressqa minn Vassallo Builders u jibqa' jsiru t-tentattivi kollha sabiex jgħaddu taħt il-club tas-St. George's.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**03/07 PROĠETT TA' SUR SAN ĠWANN**

**Is-Sindku** ta' dettalji dwar il-proġett ta' Sur San Ġwann fejn il-*Cottonera Regeneration Corporation* qed jaħdem sabiex dan il-proġett jingħata bidu lejn tmiem is-sena. Huwa fisser li f'laqgħa dwar il-proġett il-Kunsill kien mitlub iressaq f'qasir żmien il-pjanti sottomessi lill-MEPA dwar il-proġett, kif ukoll stima tal-proġett, kif kienet saret mill-istess *Works Division*, u t-tender għal dan ix-xogħol.

Il-Proġett sejjer ikun iffinzjat kollu mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja u l-Kunsill sejjer igawdi mit-twettieq ta' dan il-proġett li se jkun taħt ir-responsabbilta' tal-*Cottonera Regeneration Corporation*

**03/08 XIRI TA' APPARAT GĦALL-UFFIĊĊJU DOK 'C'**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-bżonn li l-Kunsill japprova x-xiri ta' *Server* u *Back-up Drive* sabiex l-uffiċċju jkun mgħammar b'apparat bżonnjuż fil-ħidma tiegħu. Dan l-apparat jiswa €750 u €400 rispettivament. B'hekk l-uffiċċju se jkun mgħammar b'sistema ċentrali li tiġbor fiha x-xogħol kollu ta' l-uffiċċju kif ukoll b'sistema li żżomm kopja tax-xogħol. Illum il-Kunsill Lokali Bormla se jkun finalment mgħammar bl-aħħar għodda elettronika.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' dan l-apparat, u l-**Kunsillier James Cauchi** ssekonda u l-**Kunsill unanimament approva**.

**03/09**

**Il-Kunsillier John Vella** ressaq dettalji dwar laqgħat li huwa attenda għalihom f'isem il-Kunsill:

27 ta' Lulju, 2009 – Laqgħa dwar il-Programm Life+ ta' l-Unjoni Ewropeja dwar fondi għal titjib strutturali u ambjentali tal-lokali.

29 u 30 ta' Lulju, 2009 – Seminar u Workshop tal-MEUSAC dwar programmi u pjani għal attivitajiet kulturali.

5 ta' Awissu, 2009 – Laqgħa mas-Sur Cleavon Vella tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-programmi ENPI-CBC (Mediterranean Sea Basin Project Proposal), l-URBACT II u s-Citizen for Europe.

5 ta' Awissu, 2009 – Laqgħa mas-Sur Noel D'Amato tal-Kunsill Malti għall-Kultura w l-Arti dwar fondi għal attivitajiet kulturali u l-possibilita li Bormla tiddaħħal fil-programm ta' Żjarat Kulturali li jsiru mid-Dipartment kull sena.

**03/10**

Il-Kunsillier Raymond Balzan ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill

a. Lista ta' tabelli li huma nieqsa f'Bormla (Lista mehmuza)
b. Pjanta dwar suġġeriment għall-immaniġġjar aħjar tat-traffiku f'Wesgħet il-Knisja tan-Nattivita'. (Pjanta mehmuża)
c. Proposta għal żewġ postijiet alternattivi għall-Bring-in-Site ta' Triq il-Mitħna sabiex titressaq ghall-attenzjoni tal-Wasteserve. (Pjanti mehmuża)

Is-Seduta ntemmet fis-8.45 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 3 ta' Settembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |